**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Ommissis**

**Jonathan Abela**

**Sarah Zammit**

**Appell Nru: 187/2022**

**Illum, 14 ta' Novembru,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti **Sarah Zammit** detentrici tal-karta tal-identita Maltija **63891M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

i. Talli bejn id-19 ta' Diċembru 2021 u l-20 ta' Diċembru 2021 f'dawn il-gzejjer b'qerq ħolqu tracċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

ii. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrendew ruħhom recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal Liġijiet ta' Malta

permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tagħhom, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

II-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal- Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

II-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Lġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' April 2022, sabet lill-imputata Sarah Zammit hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u mhux hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghha u ghalhekk illiberatha minnha u wara li qieset in-natura u l-gravita' tar-reat, ic-cirkostanzi kollha li taw lok ghal dan il-kaz u l-fedina penali tal-imputata kkundannat lill-imputata Sarah Zammit ghal sena prigunerija effettiva.

Fid-dawl tal-fatt li l-ħatja hija mahkuma mill-vizzju tal-abbuż mid-drogi, il-Qorti rrakomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex matul il-perjodu li fih il-hatja sejra tkun residenti fl-istess Facilita' jara li l-istess ħatja tingħata l-għajnuna meħtieġa u l-possibilita' sabiex hija tkun tista' tibda u tispicca programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż mid-drogi inkluż billi tiġi riferuta għal dik it-taqsima l-aktar adatta sabiex dan l-għan ikun jista' jintlaħaq b'success.

U għal dan il-għan ukoll il-Qorti qieghdet lill-ħatja Sarah Zammit taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma' din is sentenza, liema ordni saret ghal perjodu ta' sentejn u rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi dik l-assistenza kollha meħtieġa lill-hatja sabiex din l-Ordni ta' Trattament tkun tista' tigi segwita u imwettqa mill-istess hatja b'success.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellati , preżentat fir-reġistru ta’ din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta’ April,2022,  fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellanti mit-tieni imputazzjoni (tar-recidiva) dedotta fil-konfront tagħha u anke fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-esperti, (2) Tiddikjaraha mhux hatja u għalhekk tilliberaha mill-ewwel akkuża fil- konfront tagħha;

- Mingħajr preġudizzju, f’każ illi dawn it-talbiet ma jintlaqgħux, joghgobha tirriforma s-sentenza u tvarja l-piena nflitta billi timponi piena aktar ekwa u gusta għall-fatti speci tal-każ.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

L-EWWEL AGGRAVJU - Nullita' tas-sentenza Appellata

L-ewwel Aggravju huwa car u manifest u jikkonċerna l-fatt illi 1- esponenti Sarah Zammit hasset ruħha aggravata fuq il-mod kif saret is- sentenza u meta inaghatat lilha miktuba (ġimgħatejn wara!) u l-fatt li ma hijiex sentenza *safe and satisfactory*, u għalhekk jibda biex jingħad illi s-sentenza hija nulla in kwantu l-ewwel net nieqsa mill-fatti li tagħhom l-akkużat gie misjub hati (Artikolu 382 tal-Kap 9). Il-Qorti kellha tmur oltre' minn semplicement tagħmel riassunt tax-xhieda li dina lanqas saret sewwa u eżatti kif suppost intqal. Sentenza *safe and satisfactory* tidñol iktar fid-dettall biex tissostanzja l-ħsieb warajha.

Apparti minn hekk għalkemm semmiet il-provi prodotti dawn ma kienux skont kif jirriżultaw mill-atti processwali li qalu dawn ix-xiehda kif ser jirriżulta mit-tielet aggravju. Imbilli kienu proceduri sommarji xorta hemm piena ta' ħabs effettiva u allura xorta waħda kellha tingħata l- importanza kollha lil din is-sentenza.

Di piu' mhux talli ma ssemmewx il-fatti u ma sarx studju sew u approfondit tal-provi, talli meta nqrat id-decide tas-sentenza hawnhekk appellata, l-istess sentenza lanqas biss kienet għadha miktuba skont kif inhu rikjest anke minħabba d-drittijiet tal-bniedem. Dan jirriżulta għaliex is-sentenza miktuba ingħatat eċċessivament tard lill-imputata Sarah zammit wara li l-Uffiċju tal-Għajnuna Legali u anke I- Facilita' Korrettiva ta' Kordin damu jitolbuha izda r-risposta kienet tkun li għadha mhijiex lestha! Lanqas biss kienet ingħatat lil Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Is-sentenza bil-miktub ingħatat biss lill-Uffiċju tal- Għajnuna Legali, ġimgħatejn, u ċioe' disghat ijiem u nofs utili wara li nqara d-decide. Illi dan hu ksur tad-drittijiet tal-imputata Sarah Zammit li kellha d-dritt li tingħata s-sentenza dak in-nhar li nqrat jew lamenu ftit wara u mhux thalliet dawk il-ġranet kollha bla sentenza bil-miktub! Illi kieku konna għadna bit-terminu antik ta' 8 tijiem ma kienitx tlaħħaq tinterponi dan l-umli appell. Illi dan kollu jista' jirrizulta minn emails u/jew minn xiehda tal-Prokuratur Legali tal-Aġenzija u provi oħra li ma setgħux ikunu provduti qabel dejjem jekk dina I-Onorabbli Qorti tippermetti u tesiġi dina l-prova.

Illi t-terminu propju ġie mtawwal għal tnax il-ġurnata mil-legislatur sabiex ikun żgurat illi l-appellanti jkollom bizzejjed zmien biex jippreparaw għall-appell u ma jiġux miksura d-drittijiet tagħhom. Illi pero' dan id-dritt inkiser għaliex kull ma kien fadal minn meta inagħtat is-sentenza huwa tlett ijiem utili u jerġa l-attı processwali kienu mibgħuta permezz ta' email (liema email anke tista' tkun preżentata fil- mori tat-trattazzjoni ta' dan l-appell), biss nhar il-ġimgha 22 ta' April 2022 wara nofs in-nhar u għalhekk effettivament kull ma kellha 1- esponenti hu biss jum utili sabiex tinterponi l-appell tagħha!

Illi dan huwa ksur car u nuqqas kbir speċjalment meta l-liġi tagħti cans lill-Avukat Generali u t-terminu jibda jgħodd minn meta l-Avukat Generali jirċievi s-sentenza, iżda l-proċedura ma timxix l-istess mad- difiża. Dan hu ksur kbir speċjalment meta jkun hemm drabi meta l-atti processwali lanqas jingħataw lill-imputat quddiem il-Qorti t'isfel u meta imputat jrid ibiddel avukat jew imur għand I-Avukat tal-Għajnuna

Legali minħabba li ma jkollux mezzi, dan it-terminu iktar jilhaq jgħaddi u iktar jigu preġudikati d-drittijiet tal-istess imputat appellant.

Umilment jintqal illi dawn huma raġunijiet impellenti sabiex s- sentenza titqjes nulla u tiġi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti minn dina I-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi għalhekk l-esponenti hassitha aggravata u umilment titlob li dan l-ewwel aggravju jiġi milqugh minn dina I-Onorabbli Qorti.

IT-TIENI AGGRAVJU-Iż-żewġ Stqarrijiet rilaxxati mill-imputata Sarah Zammit

Illi mingħajr preġudizzju għal dak premess u filwaqt li l-esponenti żżomm ferm ma' dak li ntqal fl-ewwel aggravju, it-tieni aggravju tal-appellanti huwa car u manifest stante illi jeżistu dubji serji dwar kemm l-imputata qua appellata setgħet irilaxxat stqarrija f'dik il-kundizzjoni li kienet tant illi rriżulta illi l-ewwel stqarrija kellha titwaqqaf pero' t-tieni waħda xorta ma kienx għadda hafna ħin u ma jirriżultax li kienet kkonfermata minn tabib li taf x'inhu għaddej u hi fpożizzjoni li tagħti stqarrija izda irrizulta li kienet għadha vulnerabbli. Allura għalkemm iffirmat li rrifjutat id-dritt tal- assistenza legali, hu ferm dubjuż dwar kemm kienet fposizzjoni li tirrealizza s-serjeta' tal-każ u/jew x'kienet qed tiffirma u tirrinunzja. Tant hu hekk li hi bdiet tgħid li ma xtaqitx twieġeb pero' baqgħu baqgħu sakemm bdiet twieġeb għad-domandi li bdew isiru mill-Prosekuzzjoni. Mir-risposti jidher car li xorta ma kienitx fqgħada li kienet taf x'inhu jigri. Tant hu hekk li anke mit-trattazzjoni tal-avukat tal-għajnuna Legali tagħha Dr. Leontine Calleja jirriżulta li sakemm tressqu ukoll kienu fi stat ħażin fosthom anke Sarah Zammit. Allura żgur li ma setghetx tittieħed stqarrija f'dik il- kundizzjoni u għandha tigi għal kollox injorata u sfilzata u dana mingħajr pregudizzju għal jekk l-istqarrija tistax fil-verita' tinkriminaha jew le.

Illi għalhekk wkoll l-esponenti hassitha aggravata u dan it-tieni l-aggravju wkoll għandu jiġi milqugh minn dina I-Onorabbli Qorti.

IT-TIELET AGGRAVJU Apprezzament u Konsiderazzjonijiet manifestament zbaljati tal-Provi

Illi bla pregudizzju għal dak premess u filwaqt li l-esponenti zzomm ferm ma' dak li ntqal, jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante' illi kien hemm diversi punti illi I-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew inkella tassumihom minghajr ebda prova konkreta anzi rreferiet għal dak li kien hemm miktub b'mod differenti milli effettivament intqal waqt ix-xiehda.

Illi, umilment jigi sottomess li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament totalment zbaljat tal-provi prodotti quddiemha stante li ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinciment morali tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti u dan għaliex il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu il-boghod mill-grad rikjest mill-ligi u anzi kellhom jimmilitaw favur il- liberazzjoni tal-imputata;

Illi flimkien ma' dak li ntqal fl-ewwel aggravju, lanqas biss sar apprezzament tajjeb tal-provi migjuba quddiema u minflok dahlet fil-fatti u fuq il-provi, l-ewwel Qorti qgħadet tikwota liġijiet u sentenzi iżda naqset li tapplika dan kollu u tagħti spjegazzjoni għala dan għandu x'jaqsam mal- każ odjern.

Illi hija tat interpretazzjoni totalment zbaljata u għamlet konsiderazzjonijiet li jinsabu pagna 15 tas-sentenza totalment hziena u spjegathom totalment differenti milli ntqal fl-atti proċesswali.

Illi żball gravi li għamlet l-ewwel Qorti kien fejn fis-sentenza tagħha fpagna 14 hija u tirreferi għax-xhieda ta' **Mohammad Kaveh Tahmasebi Gareh Shiran** qalet hekk:

> *"Xehed Mohammed Kaveh Tahmasebi Gareh Shiran spjega li din kienet storja li hu vwinta bl-ghajnuna taz-zewg imputati Jonathan Abela u Sarah Zammit, kif ukoll bl-ghajnuna ta Glenn Busuttil. Spjega li I intenzjoni kienet li tingabar somma flus minn ghand ommu sabiex wara jixtru d-droga ghalihom kollha. Spjega I-partecipazzjoni li l-imputati kellhom f' din l-istorja."*

Dan huwa apprezzament manifest żbaljat u ngust tant li mix-xiehda tal- imsemmi Mohammad *Kaveh Tahmasebi Gareh Shiran a fol 77 et seq tal-atti processwali johrog:*

> *"It was a lie from my side. In the first Court I admitted that I had a drug addiction problem. And because of my addiction I lied to my family that I was Kidnapped which never took place in the first place. It was a lie and unfortuntaley I brought some people in the case which I believe most of the part was on my side and in the first Court I admitted."*
>
> *• Prosecution "Ok but this particular story about your abduction can you explain when and where it happened, when it started, how it started?*
>
> *Mohammed Shiran: When I ran out of money, I didn't want to make a crime so that is why | Decided to lie to my mother that I owe someone money and he kidnapped me or something and I need to pay him. It was we call it fabrication or something, it was a story which the crime didn't take place at the first time.*
>
> *Prosecution: You were in contact with whom?*
>
> *Mohammed Shiran: I believe that I was in contact with Glenn.*
>
> *Prosecution And then with whom other persons?*
>
> *Mohammed Shiran: I don't remember completely because I was under the influence of drugs. He took me to their place. I didn't know them before to Jonathans place."*
>
> *Mohamed Shiran: My Mother told me that she is going to send it to Fr Hayden. And my father contacted Fr. And that is how the Fr was involved. And I called the Fr after my mother told me that she had contacted the Fr."*

Importanti wkoll xi ħaġa illi l-ewwel Qorti naqset li tagħti każ kien is- segwenti minn l-istess xhieda tal-imputat **Mohammad Kavev.**

> *"As I told before the first piece it was from my part, they were not involved in the situation. It was the story that I invented."*

Huwa jkompli jgħid li hu talab I-ID card ta' Sarah imma biex jirċievi flus mill-Western Union. Tant hu hekk li jkompli jgħid a fol 84:

> *"Prosecution: Why did she give it to you?*
>
> *Mohammad Shiran: I said that I am going to receive some money, but she didn't know the story"*

Ikompli jispjega illi għalkemm l-istorja bdiet qabel ma ħa l-karta tal- identita' ta' Sarah Zammit, u mill-atti processwali rriżulta ampjament li l- istorja propja bdiet ġewwa r-residenza tiegħu Birzebbugia, izda kien hem mil-kwistjoni wkoll tal-lingwa li dina I-Qorti ukoll flimkien ma' din ix- xiehda ogħgobha tinjora! Filfatt fl-aħħar ta' fol 84 Jintqal:

> *"Prosecution: Was already going on. So, she gave you the document while the story was going on, correct?*
>
> *Mohammed Shiran: Yes, but I would talk in my language with my mother, so she didn't know."*

IIli pero' l-Onorabbli Qorti njorat għal kollox dan il-fatt, mentri rriżulta anke waqt is-seduta illi l-esponenti appellant Sarah Zammit lanqas bl-ingliż ma tifhem għax ukoll kellha interpretu aħseb u ara bl-Iranjan!!" u aħseb u ara kemm kienet taf x'inhu għaddej meta ma tifhimx il-lingwa u di piu' kienet taht effett qawwi ta' drogi. Iżda l-ewwel Qorti injorat għal kollox dawn il-punti essenzjali li kellhom iwasslu mingħajr

assulutament ebda dubju dettat mir-raġuni għan-nuqqas ta' ħtija tal-appellanti Sarah Zammit.

> *"...Prosecution: But to your mother...*
>
> *I was talking with my mother and she told me to send her an ID Card to receive the money."*

- A fol 85 mistoqsi jekk kellimx lil Fr Hayden qabel Sarah tagħtu d- dokument jgħid li kien kellmu pero' dan ma jfissirx li Sarah kienet preżenti waqt li jkellmu u mingħajr pregudizzju anke jekk kienet preżenti rriżulta li Sarah lanqas bl-ingliż ma tifhem għax waqt dina x- xiehda kollha kellha interpret li qed jispjegalha mill-ingliz għal Malti! Wieħed irid japprezza l-fatt li bil-background ta' Sarah, lanqas bl-ingliż ma tkun taf għaliex ma kellhiex ix-xorti li tingħata edukazzjoni kif jixraq għax kieku żgur li ma waqgħetx għal prostituzzjoni kif jidher li kienet tagħmel qabel.

L-istess Mohammad Kaveh ikompli jgħid illi kien Glenn li kellem lil Fr Hayden apparti hu. Dan flimkien mal-fatt illi kif intqal minn xhieda oħra instema' lehen maskili ohxon! Għalhekk zgur ma kienitx Sarah li kelmitu.

A fol 89 jerġa' l-istess xhud jerġa' jkompli jsostni illi :-

> *"I told them that I want to take some money from my family to get some drugs."..."They did not know at first what was going on." Ikompli jgħid illi Glenn kellu jiltaqa' ma' Fr Hayden.*

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali u anke mix-xhieda innifisha ta' Mohammad illi Sarah lanqas kienet hemm x'hin Glenn kien qed jitkellem bil-malti ma' Fr Hayden tant li mistoqsi fejn kienu Sarah u Jonathan a fol 91 lejn l-aħħar tal- pagna jerġa' jgħid;-

> *"Sarah I believe she went out"...."She was going and coming yes. I do not rememember completely what happened that time because I was under the influence of drug but she was not all the time in the flat." Jirriżulta ukoll mill-istess xhieda a fol 93 illi mhux Sarah marret ghal*

*flus iżda "I was not going, Glen went for the money." Pero' il-flus lanqas biss għaddew.*

*"...Prosecution: Glenn went to collect the money?*

*Mohamed Shiran: Yes*

*Prosecution: So Glenn went to collect the money.*

*Mohamed Shiran: I don't know he just went out and he said I am going to meet the father. I don't know what happened. But what I heard he didn't collect the money."*

Li kieku l-ewwel Qorti ħadet konjizzjoni sew u għamlet studju approfondit kif suppost kellha tagħmel ta' dina x-xhieda rriżulta ukoll illi Sarah kull m'għamlet hu kemm tat id card lil Mohammad Kaviv sabiex jibgħatha lill- Ommu u li hi minħabba l-kwistjoni tal-lingwa u anke tad-droga kull ma fehmet hu li kienet sa tibgħatlu flus ommu. Imma ma jfissirx assulutament li sa dak il-ħin kienet taf bl-istorja kollha. Fil-bidu kellha tmur il-Western Union hi għalhekk ħadilha ritratt tal-ID card iżda mbagħad ma setgħax jiġri hekk minħabba l-passarport u allura ma gabru xejn. U hawnhekk lanqas jirriżulta minn imkien mill-atti proċesswali li effettivament Sarah kienet taf li vvinta storja b'qerq sabiex jġib il-flus. U kellha raġun għaliex hi ma setgħet qatt tobsor li ħa jigdeb u jivvinta storja biex ommu tibgħat il-flus imma sempliċiment setghet basret li l-omm kienet ha tibgħat il-flus għax talabhomiha b'mod legali.

A fol 95 Mohammad Kaveh jerġa' jirrepeti illi ;-

*"I told Sarah but Sarah did not know exactly what was going on. I said I am receiving money".*

Jirriżulta wkoll illi l-flus kienu għalih u li forsi kien ha jaqsam kienet id-droga "I was taking the money for myself, getting some drugs and maybe share it."

Imbilli fix-xhieda qal illi kienu jafu li ha jaqsam id-drogi magħhom jekk tibgħatlu I-flus ommu, dan ma jfissirx li speċjalment Sarah Zammit li kienet il-ħin kollu dieħla u ħierġa u taħt l-effett tad-droga kienet taf li l-flus kienu ġejjin minħabba li vvinta storja. U di piu' ommu lanqas setgħet tibgħat il-flus mid-dokument ta' Sarah allura iktar u iktar din m'għandhiex x'taqsam fdin l-istorja. Joħroġ ukoll illi l-ewwel darba li kkuntattja lil Fr Hayden kien fil-flat tiegħu ġo Birżebbugia allura l-istorja bdiet qabel ma biss kien il-gżira fejn kienet tinsab Sarah Zammit.

Hu semma lil Sarah biss meta vvinta li kienu ikkidnapjawh u inkludiha mal-kumplament imma ma jfissirx li Sarah kienet taf b'dak li intgal. Jekk jiena qed ngħid storja u nsemmi lil Joe Borg ma jfissirx li Joe Borg jaf li qed ngħid fuqu u li hu hati ukoll ta' dak li għidt jien! Dak il-ħin li ssemmiet kienet biss meta kien qed jivvinta l-istorja u ma kienx quddiemha.

Illi izda minflok l-interpretazzjoni u konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti (pagna 15 tas-sentenza) juru li l-ewwel Qorti fehmet kollox hazin tant illi meta Mohammad Kaveh Tahmasebi Gareh Shiran Fix-xiehda tiegħu kif jif jidher minn dak sottomess hawn fuq jgħid li Sarah ma kellhiex sehem attiv u kull ma kienet taf li kienet se tibgħat xi flus ommu (xi ħaġa legali) u ma kienitx taf li qed jivvinta storja dak il-ħin li tat id-dokument tagħha, il-Qorti minflok qalet

> "Iz-*zewg imputat kellhom sehem attiv fdin Historja wintata tal-ħtif ta' Kaveh". Illi dan assulutament mhux veritier u ma rrizulta minn imkien li Sarah Zammit kellha sehem attiv! Fl-istess paragrafu I-Qorti tgħid illi l-istorja zvolgiet fil- presenza ta' Sarah Zammit Stress. Illi dan assulutament mhux minnu għaliex kif qal Mohammad Kaveh Tahmasebi Gareh Shiran stress Sarah Zammit ma kienitx il-ħin kollu prezenti izda kienet diehla u ħierġa mill-appartament!*

L-ewwel Qorti kompliet tgħid fil-konsiderazzjonijiet li "*skont Kaveh il-flus li kienu se jittieħdu minn għand ommu kienu se jintuzaw biex tinxtara d-droga għalihom lerbgħa" - Illi bid-dovut rispett dan ġie interpretat hazin stante illi hu qal kif anke ġie kkwotat aktar il fuq li il-flus kien ser johodhom għalih biex igib id-droga "and MAYBE share it". Dan ma jfissirx li Sarah Zammit kienet taf x'qed jigri u li l-flus ġejjin minn storja vvintata. Tant hu hekk li fil fatt kif diga intqal Kaveh idum isostni li Sarah ma kienetx taf x'kien għaddej ezattament. Kull am qalilha hu li ser jirċievi I-flus mingħand ommu!*

Ix-Xiehda ta' Fr Hayden Williams - xhud ieħor importanti - ukoll is-sentenza qua appellata ssemmiha fil-qasir. Li kieku daħlet fid-dettall meħtieġ kien ukoll jirriżulta facilment illi Sarah Zammit ma kellhiex x'taqsam u ma kienitx taf.

> "Pros: Mela ha nieqfu fuq dan il-perjodu, inti qed tgħid li kellek kuntatt. Kif kien il-kuntatt ma' min kien? Irġiel ? nisa?
>
> Fr Hayden Williams: F'dan il-mument il-kuntatt kien mill-mobile ta' Mohammed Kavev Tahmasebi Gareh Shiran tramite whatsapp calls ma' persuni li jien ma nafx. Jiġifieri telefonata meta weġibt ma nistax nidentifika min ċemilli, il-mobile kien ta' Mohammed Kaveh Tahmasebi Gareh Shiran, meta intbgħatu 1- messaġġi mill-istess mobile.
>
> Prosekuzzjoni: Tista' Tghidilna jekk hux raġel jew mara?
>
> Fr Hayden Williams: Raġel" u tant kien raġel illi Fr Hayden ikompli jgħid: "Prosekuzzjoni: Issa b'liema lingwa bdejt tagħmel komunikazzjoni miegħu?
>
> Fr Hayden Williams: Bil-malti u l-lehen kien qoff
>
> Prosekuzzjoni: jekk tiftakarx x'beda jitolbok dan ir-raġel."...

Fr. Hayden jgħid li f'dak il-ħin il-Ħadd filgħaxija talbu biex jiltaqgħu miegħu biss (a fol 66) Hu kien biss jaf li qed jitolbu l-flus biss minn naħa t'ommu. Tawh post biex jiltaqgħu l-post ta' Raħal Ġdid izda fil-fatt ma gewx!

"Prosekuzzjoni: Issemmew xi nies kemm qegħdin ammont?

Tlieta. Issemmew tlett minn nies li hatfuh

Prosekuzzjoni: Min qalu dan il-kliem

Fr Hayden Williams: Minn naha t'ommu. Dak il mument kienet minn naha t'ommu

Il-flus sar jaf biss u ssemmew biss minn naha t'omm Kavev li ma telghetx tixhed u tikkonferma dan. U dan jikkonfermah Fr Hayden stess a fol 68 li dejjem kien qed jghid fuq li qalet ommu fir-rigward flus.

"Prosekuzzjoni: Issa ħa mmorru meta talbuk, min talbek biex tmur tintaqgħa miegħu l-imsida? U Jekk tawkx xi deskrizzjoni ta' din il-persuna? Fr Hayden Williams: Mela mid-deskrizzjoni li tawni li niftakar li għandu leħja, kienu qaluli li ma min ha tintaqgħa għandu lehja pero' ma tawniex iktar informazzjoni ma

min stajtx nintaqgħa. Dan ifisser illi l-intenzjoni li urew lil Fr.. Hayden kien li ser jiltaqa' ma raġel u għalhekk lanqas hawnhekk ma hi nvoluta Sarah Zammit. Di piu' I-Karta tal-Identita' bagħtuha lill-omm Kavev u mhux lil Fr Haden tant illi kienet hi li bagħtitha lil Fr. Hayden "Kien hemm xi hin li ommu fejn ommu bgħatitli ID Card ta' din il-persuna Sarah Zammit illi l-omm ġiet mitluba biex tibgħat il-flus through Western Union fuq din il-persuna. U kien meta imbagħad skont l-omm din kellha l-affarijiet blukkjati iġifieri ma setghetx tagħmel it-trasferiment li imbaghad anke riedu I- flus ittihom lili, jien nittoppja l-flus u ngħaddihom lil din il-persuna li semmejt"

Fr Hayden m'għarafhiex lill-appellanti hemmhekk imputata - a fol 72.

Fr Hayden jsemmi biss lehen ta' tfajla a fol 72 pero' kien speaker phone u ma jafx kienx qed jindirizza lilu jew til oħrajn u ma jintqalx xi bdiet tgħid. Ma jiftakarx x'kien il-kuntest tat-tfajla just jiftakar li kienet hemm ħin minnhom dan gara biss fl-20 ta' Diċembru. Allura hawnhekk iħalli x'jifhem sew li kien hemm mara preżenti biss darba u kemm sema' leħinha iżda ma jirriżultax li kienet qed tkellem lilu. Apparti minn hekk ma semax leñen Sarah Zammit fl- awla u forsi seta' jagħraf kienx hu jew le. Allura jitħalla dubju serju u ragonevoli kienitx Sarah Zammit jew instemgħetx xi mara oħra minn barra stante illi anke kien post zgħir. Jew jekk forsi dak il-ħin kien Birzebbugia jew post ieħor.

Illi pero' b'kull rispett l-ewwel Qorti dawret il-fatti kollha u waqt li njorat ix- xhieda ta' Fr Hayden fir-rigward tad-dettalji dwar Sarah Zammit, fir-rigward tax-Xiehda ta' Mohammad Kaveh Tahmasebi Ghareh Shiran 1-ewwel Qorti tat interpretazzjoni totalment żbaljata fejn qalet illi semmiha li kienet involuta. II-Qorti izda minflok erronjosament tgħid illi "I-imputata Sarah Zmmit kienet prezenti waqt din il-messa in scena Kollha u assistiet il-kummissjoni ta' dan ir-reat billi provdiet il-Karta tal-Identita' tagħha saiex omm Kaveh tiddepozita I-flus fuq id-dettalji tal-istess Sarah Zammit." Illi pero' irrizulta ampjament il-kontra- u cioe li Sarah kiene til-hin kollu diehla u hierga u ma kienitx prezenti hafna mill-hin. Il-ftit li kienet prezenti xorta kien hemm problema kbira ta' lingwa. Di piu' II verzjoni tal-Qorti ma turix u tfisser li kien hemm reat kriminali ghaliex imbilli Sarah Zammit tat d-dokument tagħha sabiex tibgħat il-flus ommha mhuwiex reat. Kien ikun reat kieku kienet taf li I- flus kienu ser jirċievuhom ghaliex kaveh ivvinta l-istorja tal-kidnapping u hi dahlet fl-istorja ukoll xi haga li ma sarx ghaliex lanqas kellha hin jew l-mens rea/l-intenzjoni li tagħmel dan. Hi kien moħħha fix-xogħol u drogi.

Ili l-Qorti ukoll flok qalet illi Glen Busuttil kien ser jigbor il-flus li kellhom jithallsu u li hu kien li kellem lil Fr Hayden, minflok defset fin-nofs lil Jonathan Abela - persuna li kull ma kien qiegħed hemm biss u zgur li ma wettaqx dak li qalet il-Qorti.

Mentri ried isir studju hafna iktar approfondit biex wiehed jifnem I-irwol ta' Sarah Zammit fdan kollu. Dana l-istudju ma sarx. Li kieku sar kif kellu jsir, Sarah Zammit ma setgħet bl-ebda mod tinstab hatja lanqas ta' kompličita stante illi mill-provi kollha prodotti ma rriżultax lil hinn minn kull dubju ragonevoli li Sarah Zammit kien involuta anzi kien hemm dubji serji u anzi ntqal čar u tond li ma kienitx taf u għalhekk dan kollu kellu jwassal għal nuqqas ta' sejbien ta' ħtija u liberazzjoni ta' Sarah Zammit.

Illi allura l-ewwel Qorti ma setgħetx taqbad u tagħmel presunzjonijiet li ma rriżultawx mix-xhieda speċjalment dak li għamlet fil-każ tax-xhieda ta' Mohammad Kavih iżda riedet toqgħod fuq dak li hemm fl-atti processwali skont il-maxim "quod non est in actis non est in mundo!"

Illi dwar dan, il-gurisprudenza nostrana kemm-il darba tenniet illi I-Qorti tal- Appelli Kriminali ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti, dan ghandu jsir jekk dan I-apprezzament kien wiehed zbaljat, sabiex titwettaq qustizzja, Infatti, fil-kawza bl-ismijiet "II-Pulizija v. Antoine Agius" moghtija nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) moghtija mill-Imhallef Antonio Mizzi, il-Qorti tal-Appelli Kriminali riteniet: '//// hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax I-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall- konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id- diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill ewwel Qorti, izda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha Jekk din il-Qorti tasal ghall- konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raquni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'

Illi ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentament ippruvat ir-reat il-Qorti trid, wara li tagħmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal ghal konvinciment morali illi mic-církostanzi tista' safely and satisfactory tigbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta u specifika li l-esponenti keliha b'qerq u bl-intenzjoni twettaq l-imputazzjoni dedotta kontra tagħha u li tagħha 256 nstabet hatja. Mhux kull cirkostanza illi tista' twassal xi suspett hija sufficenti. Illi pero' umilment u bir-rispett jingħad illi dana ma sarx mill-ewwel Qorti. u dina I-Onorabbli Qorti tal-Appell tista' facilment tasal għal konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi għalhekk wkoll l-esponenti hassitha aggravata u dan l-aggravju wkoll umilment jintalab li jiġi milqugh minn dina I-Onorabbli Qorti.

IR-RABA' (4) AGGRAVJU - Ma kienx hemm prova ta' pjan komuni (common design) u ma rriżultax li l-Appellanti Sarah Zammit kellha I-Mens Rea Necessarja anke fid-dawl tal-problema tal- lingwa u allura kien hemm applikazzjoni zbaljata tal-liġi f'dan ir-rigward.

Hawnhekk I-imputati kollha kienu akkużati ai termini tal-artikolu Artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil- qerg joħloq it-tracci ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.

Irriżulta ampjament illi l-imputata qua appellanti Sarah Zammit ma kienitx il- moħħ iżda kienu Mohammad Kaveh u Glenn Busuttil il-mohh wara l-istorja kollha. Fil-fatt l-ewwel Qorti titratta wkoll fuq il-kompliċi u tgħid:

"Il-Komplicita' fit-twettiq ta' reat hija regolata mit-Titolu IV tal-Kap. 9 tal Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 42 jirregola t-tifsira ta' persuna komplici freat u jipprovdi hekk:

> **42.Persuna titqies kompliċi f' delitt jekk hija –*
>
> *(a) tkun tat ordni lil ħaddiehor biex jagħmel id-delitt, jew*
>
> *(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*
>
> *(c) tkun tat armi, ghodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew*
>
> *(d) ghad li ma tkunx waħda mill- persuni msemmija fil paragrafi (a), (b) u (t), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl- atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat, jew*
>
> *(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah."*

Apparti minn dan, l-ewwel Qorti tikkwota dak li jgħallem il-**Professur Sir Anthony Mamo** fuq il-pjan komuni (common design):

> *"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence*

U saħansitra l-ewwel Qorti tikkwota ukoll sentenza mogħtija mill-Qorti tal- Appell:

"Il-komplici huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa,....L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel.

Iżda minnkejja li l-ewwel Qorti semmiet din il-liġi u qurisprudenza flimkien m'oħrajn naqset li tapplikahom u tispjegahom fil-kuntest tal-każ odjern. U fil-fatt meta wieħed jifli I-kriterji neċessarji li johorġu minn dawn l-artikoli tal-liġi, sentenzi u prinċipji mgħallma anke minn Sir Anthony Mamo, dawn il-kriterji ma jirriżultawx assulutament fil-każ ta' Sarah Zammit u l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li kien hemm il-pjan komuni u x-xjenza neċessarja sabiex isehh ir-reat li Sarah Zammit ġiet akkuzata bih.

Il-ftehim minn qabel fl-ebda hin ma rriżulta li sar ma' Sarah Zammit tant illi kif ġie kwotat aktar 'il fuq u a skans ta' ripetizzjoni mhux ħa jerġa' jiġi kwotat, ix-xhud principali Mohammad Kaveh jgħid illi hu ftiehem ma' Glen Busuttil u jibqa' jsostni tul ix-xhieda kollha illi Sarah Zammit ma kienet taf xejn dwar l-istorja. Jibqa' jgħid illi hi kull ma kienet taf hu li kellha bżonn tibgħat flus ommu fuq western Union. Fil-Fatt irriżulta mix- xhieda ta' Fr Williams ukoll illi l-karta tal-identita' ta' Sarah ntbagħatet lil Fr Hayden minn omm Mohammad Kaveh li kienet tinsab I-Iran. U apparti minnhekk, a skans ta' ripetizzjoni u anke minħabba n-nuqqas ta' ħin li kellha I-esponenti sabiex tipprepara għall-appell odjern kif ġie spjegat fl-ewwel aggravju, jerġa' jsir emfasi fuq il-problema kbira tal-lingwa li hu kellem lill- ommu bl-iranjan u lil qassis bl-ingliz, lingwi li Sarah Zammit lanqas biss tifhem apparti li kienet taht effett tad-droga. Irriżulta ukoll ili Sarah Zammit kienet il- ħin kollu dieħla u hierġa u għalhekk għai kuntlarju talli qalet l-ewwel qorti, ma setgħetx tkun taf x'inhu għaddej. II-ftehim irriżulta ampjament li sar ġewwa Birzebbugia bejn Glenn Busuttil u Mohammad Kaveh Tahmasebi Ghareh Shiran. Irriżulta ampjament illi Sarah Zammit kienet il-Gzira u għalhekk dak il- hin tal-ftehim lanqas kienet preżenti. Irriżulta li hi

kienet dieħla u ħierġa minn ġewwa l-appartament u ftit qattet hin hemmhekk u għalhekk ukoll ma setgħetx tkun taf x'qed jagħmlu. Il-mument li tat l-Karta tal-Identita' zgur ma kienitx taf anzi hasbet li biex tibgħatlu I-flus legalment ommu iżda ma setgħetx tifhem x'qed jgħid lil ommu li kien ikellimha bl-Iranjan u kienet I-Iran!

Mingħajr preġudizzju għal dak premess dwar l-aggravju tal-istqarrija, mill-istqarrija biss joħroġ li ndunat li kienu fħawdu imma fl-aħħar wara li kien ilha li tat l-Karta tal-Identita' u ma kellhiex x'taqsam iktar anzi bdiet twissihom li ser jerġa' jmur għalihom l-Ispettur Lydon Zammit. U fil-pront ftit minuti wara marru l-pulizija. Allura dan ma jfissirx li kienet komplici jew li kien hemm common design anzi saret taf fl-aħħar eżatt qabel marru l-pulizija.

Illi l-prosekuzzjoni kellha tipprova li kien hemm Pjan Komuni (Common Design) xi ħaġa li naqset tagħmel. Illi imputat m' huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova I-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe beyond reasonable doubt. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini: "Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit."

Illi ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentament ippruvat ir-reat in disamina il-Qorti trid, wara li tagħmel apprezzament approfondit tal- provi, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tista' safely and satisfactory tigbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta u specifika li Sarah Zammit kienet taf u xjentement tat l-Karta tal-Identita' mhux biss biex tibgħat il-flus omm Mohammad tramite il-Western Union iżda li kienet taf li b'qerq holoq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali.

Madanakollu mhux kull cirkostanza illi tista' twassal xi suspett hija sufficenti, u sabiex ma jinholqux ingustizzji l-intenzjoni u l-Mens Rea li kien hemm il-qerq minn naħa tagħha u li kienet taf li kienu qed joħolqu traċċi ta' reat, ghandha tirrizulta b' mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta' kongetturi u supposizzjonijiet, liema intenzjoni QATT ma rrizultat fil- kaz odjern tal-esponenti appellanti anzi mix-xiehda prodotta rriżulta l-kuntrarju totalment.

Fil-bidu lanqas I-moħħ wara dan il-każ u cioe' Mohammad Kaveh stess ma kien behsiebu li tikber daqshekk il-biċċa izda sempliciment biex jieħu l-flus minn għand ommu tant li fix-xhieda tiegħu li anke giet kwotata aktar il fuq jirriżulta illi effettivament Fr Hayden dahal biss għax čemplitlu omm Mohammad mill-Iran. Jiġifieri sa xhin tat l-Karta tal-Identita' Sarah lanqas biss kienet kibret daqshekk jew kien inholoq traċċi ta' reat u jekk kien diġa ivvinta 1- istorja m ommu hi ma setgħet qatt tkun taf sa dak il-mument.

Illi f'dan l-istadju issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**<u>Pulizija vs. Dylan McKay"</u>** deciza minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar id-29 ta' Novembru tas- sena 2018 fejn din il Qorti dahlet sew f'dak li jrid jigi pruvat sabiex jissussisti il-Pjan Komuni (common design)- "*Issa, allura, sabiex l-appellant seta' jinstab hati bhala ko-awtur f dan id-delitt irid jirrizulta soddisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu mal- ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi huwa ippresta il- ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi irid ikun hemm il ftehim pre-ordinat bejn dawn it- tnejn minn nies ai fini li jigi kommess is-serq mertu tal-kaz. Mankanti il-prova ta' dina l-intenzjoni u cioe' ta' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu I-hajja. Kwindi irid jigi ippruvat sal-qrad tac-certezza morali illi "bejn dik il persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li I presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.*"

...."Tant hu hekk illi fil-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha, hemm serje ta' mistoqsijiet li tagħmel il-Qorti li fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm it twegiba taghhom tista' twassal sal-grad tal-probabbli, madanakollu jieqfu ferm 'il boghod mill-konvinciment morali li trid il-ligi. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm jezistu serje ta' cirkostanzi li setghu iwaqqghu suspett fuq il-persuna tal-appellant dwar l-involviment tieghu fil-kummissjoni tad-delitti lilu addebitati, madanakollu ma iwassalux sabiex jigi stabbilit il- ftehim pre-ordinat li tinneccessita l-ligi fil-figura tal-ko-awtur. Illi mehuda fl-assjem taghhom dawn il-fatti probatorji jistghu iwasslu biss ghal suposizzjonijiet izda mhux ghal fatti ippruvati.

Finalment jerga' jigi ribadit illi l-presenza wahedha tal-imputata fuq ix-xena tad-delitt minn ħin għall-ieħor u lanqas il-ħin kollu u l-fatt li tat karta tal-identita' ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti sabiex tkun moralment konvinta illi hija kienet fasslet pjan ta' azzjoni mal-awtur sabiex jigu kommessi dawn id-delitti. Ghalkemm il-Qorti tista' tasal ghal xi kongetturi jew supposizzjonijiet minn dak li hemm fl-atti, kif wasslet ghalihom ukoll l-Ewwel Qorti, certament dawn qatt ma jistghu b' xi mod iwasslu ghal kundanna ta' persuna skont il-ligi liema ligi li tistabilixxi regoli cari li ghandhom jigu osservati skrupolozament u li abbazi taghhom tista' tigi stabbilita ir-reita'. Regoli li ma isibux applikazzjoni ghal provi li ngiebu mill-prosekuzzjoni li anzi tali provi kellhom jimmilitaw favur il- liberazzjoni tal-imputata qua akkużata Sarah Zammit.

II-Professur Mamo fin-noti tieghu ighid is-segwenti dwar il-concursus delinquentium: "*A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes the offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence.*" "*There cannot be a concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him, applies to each of the parties to the offence....*"

*"There cannot be a concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him, applies to each of the parties to the offence. ... "*

Illi f'dan ir-rigward jintqal illi l-ewwel Qorti skartat għal kollox dak li ntqal fix-xhieda ta' Mohammad Kaveh Tahmasebi Ghareh Shiran u tat verżjoni totalment opposta għal dak li qal hu fejn baqa' jtenni sal-aħħar li Sarah Zammit ma kienet taf b'xejn ħlief li riedet tibghatlu xi flus ommu u għalhekk kellu bżonn id-dokument tagħha. Di piu' dan langas biss sehh u langas biss setgħet tintuża l-karta tal-identita' tagħha minħabba li ma kellhiex passaport validu. Iktar u iktar allura juri li Sarah Zammit assulutament ma kienet involuta f'xejn f'xi holqien ta' tračči iżda sempliċiment mingħajr ma kienet taf kienet ser sservi billi biss tmur láġib il-flus, xi ħaġa li m'għamletx u fuq kollox kien ser jagħmilha Glenn Busuttil li għal xi raġuni xorta ma saritx! IIIi allura kien hemm wisq suppożizzjonijiet mill-ewwel Qorti li ma setgħux iwasslu għal sejbien ta' htija kif ghamlet l-ewwel Qorti.

Illi għalhekk dan l-aggravju wkoll jisthoqlu jkun milqugh u konsegwentement Sarah Zammit għandha tiġi liberata.

Illi mingħajr pregudizzju għal fatt illi l-esponenti appellanti Sarah Zammit għandha assolutament tigi misjuba mhux hatja tal-akkuża li nstabet hatja tagħha wkoll u konsegwentament tiġi liberata, l-aħħar aggravju ser jingħata għal kull buon fini u mingħajr pregudizzju għal oħrajn.

IL-ĦAMES AGGRAVJU - Piena erogata hija Manifestament Eċċessiva

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan l-aggravju jirrigwarda - piena erogata fil-konfront tal-appellanti u dan għaliex il-piena fil- konfront tagħha mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija wahda manifestament eccessiva Jintqal

illi l-piena hija manifestament eċċessiva meta tqis li l-appellanti inaghatat il-massimu assolut li jimponi dan ir- reat u čioe sa massimu ta' sena, Hi u Jonathan Abela I-inqas li kellhom parti u l-iktar li wehlu. Jonathan Abela spiċċa skonta kwazi s-sentenza kollha u għalhekk ma kienx jagħmel sens li jappella.

II-mohh wara din l-istorja kollha Mohammad Kaveh Tahmasebi Ghareh Shiran ingħata disgħa xhur priġunerija kif jirriżulta mix-xiehda prodotta filwaqt li Glenn Busuttil li wkoll kellu sehem kbir f'dan il-każ u baqa' m'ammettiex sal-ahhar seduta fejn anke s-sentenza tiegħu nghatat ma tal-appellanta Sarah Zammit wehel biss Conditional Discharge mill- istess Qorti.

Illi il-ligi tgħid li fir-rigward ta' kompliċi għandu jeħel daqs l-awtur. Pero' f'dan il- każ I-allegata kompliċi kompliċi li kull m'għamlet tat karta tal-identita' mingħajr lanqas biss kienet preżenti għal ħin twil u kienet taħt l-effett tad-droga, naghatat iktar mill-awturi tad-delitt.

Illi di piu' kif irriżulta ampjament Sarah Zammit għandha problema kbira tad- droga u fil-fatt f'dawn l-aħħar xhur tinsab il-Facilita' Korrettiva ta' kordin u qed tindirizza dina l-problema u qed tipprova anke tidħol programm ta' rijabilitazzjoni. Għalhekk għandha tingħata piena iktar ekwa u gusta kemm-il darba tinsab ħtija.

Illi s-sentenzi tal-awturi msemmija ma setgħux ikunu esebiti qabel għaliex mhumiex available anke minħabba ċ-ċirkostanzi kollha u ghalhekk qed tirriserva li tipprezenta dawn is-sentenza waqt it-trattazzjoni tal-Appell.

Mingħajr preġudizzju, lanqas li kieku kien hemm raġunijiet li setgħet tammetti fuqhom fi stadju bikri, l-istqarrija tingħata fi stadju tard tal-proċeduri u allura l-

avukati ma jistghux ikunu f'posizzjoni li jhallu l-imputati jammettu mingħajr ma jkunu raw l-istqarrija.

Mingħajr pregudizzju għalkemm Mohammad Kaveh ammetta qabel, xorta ma kienx hemm assulutament telf ta' ħin minn naħa ta' Sarah Zammit u lanqas tawlet il-proċeduri anzi I-avukat li dehret isfel bdiet tgħaggel il-proċċeduri biex ma jilhqux jiskontaw is-sentenza. Illi għalhekk allura xorta waħda kien jisthoqilha li tibbenefika minn piena ħafna inqas.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2024 Dr Simon Micallef Stafrace irregistra ammissjoni ghall-ewwel akkuza li nstabet hatja taghha l-patrocinata tieghu u rrimetta ruhu ghal gudizzju savju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-piena li ghandha tigi inflitta konsiderando n-nota li giet prezentata mill-Bord ta' Rihabilitazzjoni.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Rat ir-rikors ta' Sarah Zammit pprezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Gunju 2021 fejn minghajr pregudizzju ghal-htija o meno tal-akkuzi dedotti kontra taghha talbet lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' it-talba taghha u minn Qorti ta' Appell Kriminali tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali fejn qabel xejn talab lir-rikorrenti sabiex tressaq prova sufficjenti illi hija tissodisfa l-kriterji stabiliti mill-Artikolu 8 (1) u (2) tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma din l-Onorabbli Qorti taghti kwalunkwe provvediment f' dan ir-rigward. Illi l-Avukat Generali ma oggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti sabiex tressaq kwalunkwe provi taghha filwaqt illi irriserva d-dritt ghar-risposta tieghu dwar it-talba imresqa mir-rikorrent fi stadju iktar opportun.

Rat ix-xhieda ta' David Burrows moghtija nhar is-6 ta' Settembru, 2022 meta esebixxa ir-rizultati tal-urine tests mehuda tal-appellanti li gew mmarkati bhala Dok DM u rapport tal-komportament tal-appellanti gewwa l-habs li gie mmarkat bhala Dok

DM1. Minn ezami tad-dokument DM jirrizulta li l-appellanti ghamlet zmien konsiderevoli l-habs u fil-perijodu tas-sena 2015 sa 2018 kien hemm diversi rizulati li gew pozittiv ghal presenza ta' droga. Pero mill-25 ta' Jannar 2022 sat-22 ta' Awwissu, 2022 ir-rizultati kollha taw rizultat negattiv ghal prezenza ta' droga. Minn ezami tad-Dok DM1 li huwa rapport dwar l-imgieba tal-appellanti gewwa l-habs jidher li ilha hierga u diehla l-habs sa mis-sena 2009 sa Gunju 2022 zgur u ghandha hafna rapport dwar imgieba hazina ta'disobbidjenza.

Rat ix-xhieda ta' **Sarah Debattista** assistenta psikologa gewwa l-Faciltia Korrettiva ta' Kordin qalet li ghamlet assessment fuq l-appellanti meta dahlet l-habs u kien jidher evident isa mill-bidu nett li kellha problema akuta ta' abbuz ta' droga u ghalhekk issolecitatha biex tibda programm ta' rihabilitazzjoni. Sarulha xi testijiet ohra fosthom dak ta' ADHD. Irrizulta li kienet border line u kellha *personality disorder* u kienet *emotionally unstable.* Kellha storja twila ta' vittimazzjoni u attitudni kriminali. Kemm damet il-habs pero qatghet il-methadone kellha imqgieba posittiva, bdiet tahdem fil-*workshops* tal-hjata u bdiet tahdem fuq dak li tixtieq taghmel meta tohrog mill-habs. Bdiet anke taghmel xi *supervised access visits* mat-tfal taghha.

Qalet li kienet qed tigi invistata mill-psikjatra tal-habs Dr Maria Axiaq sabiex tahdem, fuq l-imgieba taghha.

**Dr Maria Axiaq** xehdet nhar l-20 ta' Settembru, 2022 u kkonfermat li l-appellanti dahlet l-habs fit-22 ta' Dicembru, 2021 u tarha hemmhekk. Kkonfermat li meta dahlet il-habs kienet pozittiva ghad-droga Eroina u Kokaina u kienet ukoll fuq mistura Methadone ta' 30 cc. In segwitu giet ammessa fil-forensic unit biex tigi amministrata l-mistura biex tindirizza l-vizzju mishut taghha ta' abbuz ta' droga. Qalet li ghandha dipendenza kbira u li ppruvat taghmel programm darbtejn gja izda bla success. Qabel ma dahlet il-habs kienet ghamlet zmien ukoll il-DDU sabiex tipprova tgheleb il-vizzju. Spjegat ukoll li ghandha dipendenza fuq medicina psikotropika li hija komuni hafna ghan -nies li ghandhom addiction problem. Qalet li uriet interess sabiex tindirizza din

il-problema u bdiet tgheleb dawn it-tipi ta' vizzji anke fuq il-medicina stess u fil-fatt irnexxielha tnaqqas il-medicina sostanzjalment tant li qeda fuq minimal dosage. Irnexxielha ukoll tehles mill-mistura u dan biex taccessa kull tip ta' servizz ta' ghajnuna ghad-droga. Tikkonferma li qabel ma dahlet l-habs zgur kient qed tabbuza mid-droga u dan hu konfermat mit-testijiet tal-urina mehuda. Minn dakinhar 'l hawn ghamlet l-almu taghha beix tipprova titbieghed minn tali problema.

In vista ta' tali xhieda nhar l-20 ta' Settembru 2022 din il-Qorti laqghet it-talba sabiex tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga.

Rat in-nota tal-Bord ta' Rihabilitazzjoni fejn il-Qorti giet infurmata li Joanna Buhagiar Fiott kienet ser tkun qd izzur lill-appellanti gewwa l-habs sabiex tibda ssegwi *care plan* u l-istess Bord ser ikun qieghed jara jekk l-appellanti hiex issegwi dan il-pjan.

Rat in-nota tal-Bord ta Rihabilitazzjoni fejn il-Qorti giet infurmata li l-appellanti dehret quddiem il-Bord nhar is-17 ta' Novembru, 2023 fejn gie nnutat li l-appellanti sejra tajjeb u li qiegdha tikkopera mat-terapista taghha.

Rat in-nota tal-Bord ta' Rihabilitazzjoni prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Gunju, 2024 fejn il-Qorti giet mgharfa li l-appellanti sejha tajjeb hafna fil-care plan taghha. L-appellanti spejgat li f'Awwissu 2024 tispiccalha s-sentenza pero fadlilha arrest u multa li ghadhom pendenti. Il-Bord innota ukoll li l-appellanti ghandha problema ta' *homelessness* difatti l-kordinatrici tal Bord spjegat li qd taghmel kuntattmal-Housing Authority f'kazijiet simili ghal dak tal-appellanti. Informa lil Qorti ulterjorment b'nota prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Lulju, 2024 li l-appellanti spiccat il-kaz taghha b'success.

Din il-Qorti qieset l-ammissjoni registrata mill-appellanti seduta stante nhar is-17 ta' Ottubru 2024 ghall-ewwel akkzua moghtija lilha mill-prosekuzzjoni.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li *"l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali*

*ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*[1]

Din il-Qorti tifhem li min isofri minn problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi tali problema. Il-vizzju ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor madanakollu jidher li l-appellanti kienet mahkuma bil-vizzju mishut tad-droga meta ikkommettiet r-reat addebitat lilha u li taghha irregistrat ammissjoni.

Issa jinghad l-ewwel nett illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti kif gra f'dan il-kaz jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha.

Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eccessiva jew le. M'huwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid Eric Patterson dwar persuni mahkuma bil-vizzju tad-droga u cioe: *"Lastly, addicted people frequently value obtaining their drugs above all else. Because obtaining drugs is the highest priority to an addict, financial troubles are inevitable, and many people eventually resort to stealing and other criminal activity to obtain resources to purchase drugs."*

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef deciza nhar it-28 ta' Novembru, 2006 millQorti talAppell Kriminali per Onor. Imhallef V. DeGaetano, Onor Imhallef J. A. Filletti u Onor. Imhallef D. Scicluna

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Alexander Cardona'</u>** [2]intqal :

> *"Il-vizzju tad-droga jsolvih billi jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni u jimpenja ruhu bis-serjeta li jibqa jsegwih u wara li jlestih b'success jibqa' sod sabiex jinfatam darba ghal dejjem minn dan il-vizzju u mhux billi jmur jisraq lill-haddiehor biex ikollu l-flus biex jissodisfa l- "habit" tieghu li jkun hakmu."*

Illi din il-Qorti Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li l-appellanti hadet ic-cans moghti lilha biex tfieq mill-vizzju mishut ta' tehid ta' droga u sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex rat minn dak li xehdu diversi xhieda fosthom l ufficcjal tal probation u l- psikjatra li l-isforz tal appellant sabeix tindirizza l-problema akuta taghha huma genwini. Il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoi dak msitqarr mill-Bor ta rihabilitazzjoni li l-appellanti temmiet il-kors b'success. Hu huwa ghalhekk li din il-qorit sejra tbiddel il-piena imposta minn l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-imputata appellant mhux hatja tat-tieni akkuza u lliberata minnha tikkonfermaha fejn sabitha hatja ta' l-ewwel akkuza kif del resto ammessa minnha stess. Qeda pero tirrevoka l-piena mposta ta' sena prigunerija u minflok tqieghda taht

[2] Deciza nhar is-6 t' Awwissu, 2014 per Onor. Mag. A. Bugeja

probation a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet snin mill-lum taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-Probation li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-Probation Order li qieghed jigi hawn anness, inkluz fosthom li tkompli tindirizza r-rijabilitazzjoni taghha mill-vizzju tat-tehid ta' droga.

Tordna li kopja ta' l-ordni ta' probation tigi minnufih komunikata lill-probationer u lill-Ufficjal Principali tal-Probation.

Ghal kull buon fini jigi dikjarat li din il-Qorti spjegat lill-appellant, bi kliem li hija tifhem, ta' l-ordni ta' probation u l-kundizzjonijiet hemm elenkati, u li jekk tonqos milli tikkonforma ruhha mal-kundizzjonijiet imsemmija hija tista' tinghata sentenza ghar-reati originali.

Hija spjegat ukoll lill-appellant, bi kliem car, ir-responsabbilta` taghha f'din is-sentenza.

Fl-ahhar nett, tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu li jinnotifika lid-Direttur tal Ufficcju ta' Parole u Probation b din is-sentenza.

Qed ukoll tikkonferma l-Ordni ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali skond it-termini imsemmija fid-digriet mahrug mill-ewwel Qorti b'dan illi is-sentejn hemm imsemmija jibdew jiddekorru mill-lum.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**